MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2003

Numru 244/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur Joseph Agius)
**vs**
**Ludwig Bugeja**

Illum l-10 ta’ Settembru 2003.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Ludwig Bugeja iben Angelo u Yvonne xebba Camilleri, mwieled Pieta nhar il-05 ta’ Frar 1976 u residenti gewwa numru 18, Triq L-Iljun, Bormla u ghandu il-Karta ta’ l-identita bin-numru 113276 (M).
Talli nhar l-20 ta’ Frar 2000 ghal-habta tal-15.10hrs mill-Parking Area ta’ l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta gewwa l-Gudja; ikkommetta serq ta’ stereo tal-Marka Clarion

minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABE-001, ghad-dannu ta’ John Abela, liema serq huwa
a. aggravat bil-mezz, meta voluntarjament hassar ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobli jew immobli liema hsara tiskorri l-hamsin lra Maltija (LM50)izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltija (LM500), bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u
b. aggravat bil-mezzi, meta sar fuq il-vettura f’post pubbliku jew f’post accessibli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta’, jew fuq xi haga li tkun go dik il-vettura bi ksur tal-Artikolu 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti thoss li ghandha tghid li l-akkuza kif imfassla hija tahwida shiha, haga li tifa certu dawl jew ahjar dlam.

Il-Qorti tifhem li l-akkuzat qed jigi mixli b’serq kkwalifikat bil-mezz kif imfisserfl-artikolu 263 (a) tal-Kapitolu 9 ghax sar ‘ksur ta’ gewwa jew ta’ barra’ u bil-valur ghax l-oggett misruq jiswa aktar minn mitt lira (artikolu 267) u bix-xorta tal-haga misruq [271 [g]) kif wkoll bi hsara voluntarja li ma tiskorrix il-hames mitt lira imma tkun izjed minn hamsin lira (325 [b]).
Stante ammissjoni issibu hati.

Stante ammissjoni issibu hati.

Rat l-artikol1 261, 263(a), 271(g), 325(b) kif wkoll l-artikolu 17 ( R ) tal-Kapitolu 9, tikkundanna l-hati sena (1) prigunerija u tittama li matul dan iz-zmien jinghata, jekk irid, ghajnuna ghal sahhtu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------